



Brussell, 3 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6468/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0411(NLE)

---

---

ECOFIN 212  
UEM 81  
FIN 282  
*EIB*  
*ECB*

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-  
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni  
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Ottubru 2021  
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b' mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Estonja fit-18 ta’ Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021”)<sup>2</sup>. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2023<sup>3</sup> u tat-13 ta’ Novembru 2025<sup>4</sup>.
- (2) Fid-29 ta’ Jannar 2026, l-Estonja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, l-Estonja ppreżentat RRP emendat.

---

<sup>2</sup> Ara d-dokumenti ST 12532/21 INIT, ST 12532/21 ADD 1, ST 12532/21 ADD 1 COR 1; u ST 12532/21 ADD 1 COR 1 REV 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>3</sup> Ara d-dokumenti ST 9367/23 INIT u ST 9367/23 ADD 1 REV 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

<sup>4</sup> Ara d-dokumenti ST 14442/25 INIT u ST 14442/25 ADD 1 f’ <http://register.consilium.europa.eu>.

*Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241*

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Estonja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ħames miżuri.
- (4) L-Estonja spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba domanda tas-suq insuffiċjenti u dewmien mhux mistenni fl-implimentazzjoni tagħhom. Dan jikkonċerna l-miżura 4.7 (Programm Pilota għall-Ħżin tal-Enerġija) u l-miżura 4.8 (Spinta lill-iżvilupp tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (5) L-Estonja spjegat li ġew emendati żewġ miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżura 3.6 (L-istabbiliment tal-analiżi strateġika tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Estonja) u l-miżura 8.1 (L-iffaċilitar tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (6) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżura 4.7 (Programm Pilota dwar il-Ħżin tal-Enerġija), l-Estonja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni ta' dik il-miżura biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura oħra. Din tikkonċerna l-miżura 5.3.a (Kostruzzjoni tal-vjadotti u venda tal-Ferroviji Baltiċi). Abbażi ta' dan, l-Estonja talbet li jiżdied il-livell tal-implimentazzjoni ta' miżura waħda. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan.

***Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri***

- (7) Jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali tiġi emendata biex tqis l-emendi tal-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Estonja.

### ***Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali***

- (8) Ġew identifikati seba' żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2025 li jaffettwaw sitt miżuri taħt tliet komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Estonja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżura 1.1. (Trasformazzjoni diġitali fl-intrapriżi) u l-miżura 3 taħt komponent 1 (Trasformazzjoni diġitali tal- intrapriżi); il-mira 40a tal-miżura 2.6 (Fond Ekoloġiku) taħt il-komponent 2 (Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-intrapriżi); deskrizzjoni tal-miżura 6.1 (Bidla komprensiva fl-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa fl-Estonja), l-istadju importanti 100 a tal-miżura 6.2.a (Kostruzzjoni ta' TERVIKUM), l-istadju importanti 114 tal-miżura 6.6 (Provvediment ta' miżuri tas-suq tax-xogħol biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġħ) u l-istadju importanti 120 tal-miżura 6.8 (Kura fit-tul) taħt il-komponent 6 (Kura tas-saħħa u protezzjoni soċjali). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

### ***Valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mill-Estonja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward ir-rilevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP meta vvalutat mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Kalkolu tal-kostijiet***

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat għall-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni
- (12) Il-bidliet fil-kostijiet stmati għall żewġ miżuri emendati kienu meqjusa proporzjonali u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' daww il-kostijiet stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

### *Valutazzjoni pożittiva*

- (13) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, fejn instab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li jkun disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

### *Kontribuzzjoni finanzjarja*

- (14) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Estonja huma ta' EUR 953 380 000. Billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Estonja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Estonja tkun ugwali għal EUR 953 184 800. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Estonja tibqa' l-istess.
- (15) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jiġi sostitwit fl-intier tiegħu..

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

- (16) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Ma tiħux preċedenza fuq ir-rekwiżit li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u, b'mod partikolari, li jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat għall-Estonja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

*Artikolu 2*

*Emendi*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Estonja huwa sostitwit bit-test kif jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---